MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**GEOFFREY VALENZIA**

Seduta tat-8 ta' Ottubru, 2004

Citazzjoni Numru. 836/2001/1

**Joseph Zammit**

**Vs**

**Joseph Bonello u Ronald Bonello u b'digriet tas-6 ta' Mejju, 2002 gie kjamat fil-kawza Paul Mallia u b'digriet tal-21 ta' Gunju, 2002 giet kjamata in kawza s-socjeta' Citadel Insurance plc.**

**Il-Qorti.**

**Preliminari**

Rat l-att tac-citazzjoni;

Rat in-nota ta’ eccezzjonijiet tal-konvenuti Bonello a fol. 15;

Rat in-nota ta’ eccezzjonijiet tal-intervenuti fil-kawza a fol. 45;

Rat in-nota ta’ eccezzjonijiet tal-kjamat fil-kawza Paul Mallia a fol. 88;

Rat l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti ezibiti;

**KONSIDERAZZJONIJET**

Il-kawza thalliet ghal-lum ghas-sentenza fuq l-ewwel eccezzjoni tal-kjamat fil-kawza Paul Mallia fejn eccepixxa li l-azzjoni ta’ l-attur hija preskritta a tenur ta’ l-artikolu 2153 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta’ Malta (ara fol. 88).

Dan l-artikolu jiddisponi hekk:

*L-azzjoni ghall-hlas tal-hsarat mhux ikkagunati b’reat taqa’ bi preskrizzjoni bl-eghluq ta’ sentejn.*

Ghal finijiet tal-preskrizzjoni l-Ligi u l-gurisprudenza jiddistingwu tlett kazijiet ta’ danni –

**1.** dawk li jigu minn reati veri u proprji ossija minn fatti punibbli kriminalment, f’liema kaz il-preskrizzjoni civili hija dik tal-azzjoni kriminali; Art 2154.

2. dawk li jigu minn fatti li ma humiex reati, imma ma humiex lanqas inadempjenza kontrattwali, cjoe dawk derivanti minn kolpa akwiljana, f’liema kaz il-preskrizzjoni hija ta’ sentejn - artikolu 2153- u fl-ahharnett

3. dawk li jidderivaw minn inadempjenza kontrattwali, f’liema kaz hi applikabbli l-preskrizzjoni ta’ l-istess obbligazzjoni.

Vol. 12 p 144; Vol. 17 p1 p 151; Vol. 21 p1 p 528; Vol. 24 p2 p 582; Vol. 37 p1 p 140 ; XLV11 p3 p 193 u ohrajn

Fil-kaz in ezami l-attur qed jippremetti li l-konvenuti minhabba negligenza u imprudenza huma kkagunawlu dannu u sofra griehi ta' natura serja u debilita permanenti.

Fil-kawza "Tabone vs Zammit" deciza mill Prim Awla tal-Qorti Civili fis 16 ta' Ottubru, 1971 il-Qorti irriteniet li fil-kaz ta' danni sofferti b'konsegwenza ta' incident stradali li fiha l-attur allegatament sofra debilita permanenti il-preskrizzjoni applikabbli hija dika kontemplata fl-artikolu 2154.

Id-danni reklamati mill-attur huma provenjenti minn reat kommess mill-kontroparti… u jekk ir-reat hu soggett ghall piena ta' prigunerija ghall zmien ta' inqas minn sena, il-preskrizzjoni, tant ta' l-azzjoni penali, kemm konsegwentement ta' dik civili, ghal risarciment tad-danni applikabbli ghall kaz hija dika ta' sentejn 688(e) 226(1.a.) Kap 12.

Il-Qorti taghmel riferenza ghall-kawzi Prim Awla fl-ismijiet "Carmelo Agius et vs Nicholas Zammit" (Libell 1/86) fil-5 ta' Ottubru, 1993 u Appell Bugeja vs Dr. R. Fenech Adami 17/11/2000 fejn gie stabbilit il-principju fuq skorta ta' sentenzi precedenti li l-Qorti "*ma ghandha l-ebda setgha li tiddipartixxi minn dak li hu strettament eccepit. Ma tistax "ex officio" tiehu konjizzjoni ta' provvedimenti ohra tal-ligi li jistghu jkunu applikabbili hlief dawk li l-konvenut javvanza, skond kif bil-ligi tenut li jghamel fl-eccezzjonijiet tieghu.*"

Fil-kaz in ezami l-kjamat fil-kawza eccepixxa l-preskrizzjoni taht l-artikolu 2153 li pero mhux applikabbli.

Ghalhekk il-Qorti tikkonkludi li l-eccezzjoni ta' preskrizzjoni li giet avvanzata mill-kjamati fil-kawza fit-termini proposti ma tistax tigi milqugha.

**DECIZJONI**

Ghal dawn il-motivi
il-Qorti tiddeciedi
billi tichad l-eccezzjoni preliminari tal-kjamat fil-kawza ta' Paul Mallia
spejjez ghall kjamat fil-kawza,
u tiddiferixxi l-kawza ghall kontinwazzjoni.

**< Sentenza In Parte >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------